**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Bergamo (l-Italja) fl-1 ta' April 2011 — Procura della Repubblica vs Ibrahim Music**

**(Kawża C-156/11)**

(2011/C 269/36)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Bergamo

**Parti fil-kawża prinċipali**

Ibrahim Music

Bid-digriet tal-21 ta' Ġunju 2011 il-Qorti tal-Ġustizzja ħassret il-kawża mir-reġistru tagħha.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' April 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Rebubblika tas-Slovenja**

**(Kawża C-185/11)**

(2011/C 269/37)

*Lingwa tal-kawża: is-Sloven*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K.-Ph. Wojcik, M. Žebre u N. Yerrell)

*Konvenuta*: Ir-Repubblika tas-Slovenja

**Talbiet tal-parti rikorrenti**

— tikkonstata li, billi ttrasponietx korrettament u integralment fl-ordniament ġuridiku tagħha d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE ([1]) u 92/49/KEE ([2]), ir-Repubblika tas-Slovenja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 73/239/KEE u l-Artikoli 29 u 39 tad-Direttiva 92/49/KEE kif ukoll l-Artikoli 56 u 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

— tikkundanna lir-Repubblika tas-Slovenja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttivi 73/239/KEE u 92/49/KEE skada fl-1 ta' Mejju 2004.

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 14.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 346.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbeitsgericht Passau (il-Ġermanja) tas-16 ta' Mejju 2011 — Alexander Heimann vs Kaiser GmbH**

**(Kawża C-229/11)**

(2011/C 269/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Arbeitsgericht Passau

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Alexander Heimann

*Konvenuta:* Kaiser GmbH

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Diċembru 2007 jew l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ([1]), għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni jew prassi li tipprovdi li, fil-każ fejn hemm tnaqqis tal-ġranet ta' xogħol fil-ġimgħa minħabba applikazzjoni leġittima ta' qgħad parzjali, id-dritt ta' ħaddiem b'xogħol parzjali li jitlob leave annwali bi ħlas jiġi aġġustat *pro rata* abbażi tan-numru ta' ġranet ta' xogħol fil-ġimgħa matul il-qgħad parzjali u tan-numru ta' ġranet ta' xogħol ta' ħaddiem full-time u, għal-hekk, matul il-perijodu ta' qgħad parzjali, il-ħaddiem jikseb biss dritt għal leave li huwa proporzjonalment limitat?

(2) Fil-każ ta'risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

L-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Diċembru 2007 jew l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni jew prassi li tipprovdi li, fil-każ ta' tnaqqis tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa għal "żero ġranet" minħabba applikazzjoni leġittima ta' "qgħad parzjali b'żero sigħat ta' xogħol", id-dritt ta' ħaddiem b'qgħad parzjali għal leave annwali bi ħlas jitnaqqas *pro rata* għal żero, u konsegwentement, matul dan il-perijodu ta' "qgħad parzjali b'żero sigħat ta' xogħol", il-ħaddiem ma jikseb ebda dritt għal leave?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.